**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-7 ta' Novembru 2022**

**Rikors Numru : 430/2022 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**MP**

**U**

**AC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 9 ta' Awwissu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fis-17 ta' April, 2011 gewwa Malta u l-istess zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 305 u MR No. 66/2011 (certifikat anness u mmarkat 'Dok A');*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom zewgt itfal li huma minuri cioe' NP li twieled f'X u MP li twieled f'Y (certifikati tat-twelid annessi bhala Dok B u Dok C);*

3. *Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler, data 13 ta' Settembru, 2016, kopja tal-istess kuntratt hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok D';*

4. *Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet kienu ftehmu li jirrinunzjaw ghad-drittijiet rispettivi taghhom milli jitolbu l-manteniment*

*minghand xulxin.*

5. *Illi izda ai termini ta' l-istess kuntratt hawn imsemmi l-missier ghad ghandu l-obbligu li jhallas manteniment mensili lill-omm in konnessjoni mat-trobbija tat-tfal minuri taghhom, u ma hemmx problemi fuq tali hlas;*

6. *Illi ma hemm l-ebda pendenza bejn il-partijiet u ma hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejniethom;*

7. *Illi jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*(i)* *Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet mahlul u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*(ii)* *Tordna lir-Registru Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex jigi registrat.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 13 t'Ottubru 2022; (Vide Fol 17)

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MP xehed** (vide affidavit Dok E a Fol 14) illi l-partijiet izzewgu nhar is-17 ta' April 2011 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni. Sostna illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt il-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Peter Fleri Soler nhar it-13 ta' Settembru 2016. Ikkonferma illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet kif ukoll ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment dovut.

**AC xehdet** (vide affidavit Dok F a Fol 15) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-17 ta' April 2011, liema zwieg jgib certifikat numru 305/2011 (Vide Dok A certifikat taz-zwieg, fol 5). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Peter Fleri Soler nhar it-13 ta' Settembru 2016 (vide Dok D, fol 6 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 305/2011 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**